# L-GĦAŻLA TAS-SUĠĠETTI

## 2016-2017



THE ARCHBISHOP'S SEMINARY

VERITAS ET JUSTITIA

**Ktieb ta' Għajnuna Għall-Ġenituri u l-Istudenti fl-Għażla tas-Suġġetti**

# WERREJ


| | | |
|---|---|---|
| **DAĦLA** | **L-Informazzjoni f' Dan il-Ktieb** | **Pġ. 2** |
| **TAQSIMA A** | **Kif Nagħmel Għażla Tajba?** | **Pġ. 3** |
| **TAQSIMA B** | **Possibiltajiet fil-livell Post-Sekondarju** | **Pġ. 5** |
| **TAQSIMA Ċ** | **Is-Sillabu mill-Year 9 sal-Year 11** | **Pġ. 16** |
| | **Is-Suġġetti *Optional*** | **Pġ. 20** |
| | **Kundizzjonijiet** | **Pġ. 29** |
| **TAQSIMA D** | **X'Għażlu l-Istudenti Fis-Seminarju** | **Pġ. 31** |

# DAĦLA

Is-sistema tal-edukazzjoni ta' pajjiżna titlob 'l-istudenti li jkunu qegħdin fit-Tieni Klassi tal-iskola sekondarja biex jagħmlu l-għażla ta' dawk is-suġġetti li normalment nirreferu għalihom bħala *Optional Subjects*.

Minkejja li din l-għażla tiġi fit-tieni sena u mhux aktar tard, xorta waħda hija importanti u għandha għalhekk tittieħed bl-akbar serjeta`. Fil-fatt din l-għażla tista' taffetwa t-tip u n-numru ta' possibiltajiet li student ikollu meta jlesti l-istudji tiegħu fl-iskola sekondarja.

## L-INFORMAZZJONI F' DAN IL-KTIEB

F'dan il-ktejjeb għandkom issibu ġabra ta' informazzjoni fil-qosor biex intom il-ġenituri, tkunu tistgħu tgħinu aħjar lil uliedkom biex flimkien taslu għal deċiżjoni għaqlija. Minbarra l-informazzjoni fuq is-suġġetti offruti lill-istudenti tat-tielet sena għandkom issibu ukoll informazzjoni fuq il-possibilitajiet varji ta' studju u ta' xogħol wara li l-istudenti jkunu spiċċaw il-ħames sena tagħhom. Din l-informazzjoni inkludejniha biex wieħed ikun jista' jkollu idea ta' x'jista' wieħed jagħmel 'il quddiem bis-suġġetti li jkun għażel jekk jiddeċiedi li jkompli fuqhom.

Hu importanti li wieħed jifhem li l-informazzjoni f'dan il-ktieb dwar il-korsijiet u xogħlijiet huma biss gwida għaliex sa tliet snin oħra dejjem ikun hemm xi żidiet u tibdil fil-korsijiet u opportunitajiet ġodda ta' xogħol. Jekk wieħed ikun irid jidħol fid-dettal tal-korsijiet differenti u informazzjoni iktar preċiża jista' jirreferi għall-prospectus ta' kull kulleġġ li jinsab fil-websites tagħhom. Tajjeb li ngħidu li għal għan tal-għażla tas-suġġetti fil-Year 8 l-informazzjoni f'dan il-ktieb hija biżżejjed. L-iskola toffri informazzjoni aġġornata fuq dan l-aspett kemm lilkom ġenituri kif ukoll lill-istudenti meta uliedkom jiġu biex jiddeċiedu x'ser jagħmlu wara li jkunu spiċċaw il-ħames sena.

Il-ktieb għandu jintuża b'dan il-mod;

**F'taqsima A** għandkom issibu informazzjoni dwar il-proċess li għandu jsir meta wieħed jiġi biex jagħmel deċizjoni importanti bħal ma hu fil-kaz tal-għażla tas-suġġetti.

**F'taqsima B** issibu informazzjoni fuq il-kulleġġi li hawn u l-għadd ta' korsijiet li joffru. Is-suġġetti rikjesti jew preferuti flimkien ma' possibiltajiet varji ta' xogħlijiet marbuta ma' kull kors għandhom jgħinukom biex ikollkom l-informazzjoni meħtieġa u taslu għal deċiżjoni.

F' **taqsima Ċ** issibu lista tas-suġġetti offruti lill-istudenti tal-Year 9 (sillabu) fis-Seminarju.

# TAQSIMA A

## KIF NAGĦMEL GĦAŻLA TAJBA?

Din hi mistoqsija li bosta studenti jistaqsu peress li xi wħud minnhom ma jkollhomx idea ta' x'jinvolvu s-suġġetti u/jew inkella ma jkunux għadhom jafu x'ser jagħmlu la jikbru (karriera). Bħala tweġiba għal dawn il-bżonnijiet, l-iskola toffri:

**Laqgħat mal-*Guidance Teacher*;** L-istudenti jkollhom laqgħat mal-*Guidance Teacher*, kemm bħala klassi, kif ukoll individwalment.

***Laqgħa ma' l-għalliema tas-suġġetti optional;*** L-iskola tieħu ħsieb biex tlaqqa' l-istudenti u tkellimhom dwar l-*Optional Subjects.* F'dawn il-laqgħat l-għalliema tal-*optional subjects* jagħtu idea lill-istudenti dwar il-kontenut tas-suġġett, jiġifieri jkellmuhom dwar dak li ser jitgħallmu dwaru matul it-tliet snin.

**Laqgħa għall-*Ġenituri;*** Il-ġenituri wkoll ikollhom laqgħa għalihom mal-*Headmaster,il-Pastoral Care u* l-*Guidance Teacher*.

Dawn il-laqgħat flimkien ma' dan il-ktejjeb għandhom jgħinu 'il-istudenti u lilkom ġenituri biex ikollkom l-informazzjoni meħtieġa biex flimkien taslu għall-għażla. Is-sehem tagħkom il-ġenituri f'dan l-istadju hu fost affarijiet oħra li tgħinu lit-tifel tagħkom jiġbor l-informazzjoni meħtieġa dwar is-suġġetti u l-karriera jew kors li jixtieq jaqbad 'il quddiem. Għandkom tfittxu wkoll li tgħinu lit-tifel jagħraf il-kwalitajiet u l-interessi tiegħu rigward is-suġġetti. (Ara l-eżempji fil-paġna li jmiss. Tabella 1) Jekk wieħed ikun indeċiż dwar suġġett jew karriera, għandu l-ewwel jara l-possibiltajiet li hemm, imbagħad jagħmel lista tal-vantaġġi u tal-iżvantaġġi li ġġib magħha kull possibilta`.

**Nota:** Hu normali li student tat-Tieni Klassi ma jkunx deċiż mija fil-mija dwar karriera jew kors. L-importanti għalissa hu li jkollu:

a. Idea tas-suġġetti offruti, fejn jista` jasal bihom u l-inklinazzjonijiet tiegħu,

b. Idea tal-possibiltajiet li se jkollu fil-futur u idea ta' x'jippreferi l-aktar minnhom,

c. Idea li s-suġġetti li jagħżel ma jeskludux ix-xewqat tiegħu.

**TABELLA 1** **L-GĦAŻLA TRID ISSIR BI ĦSIEB!**

Iġbor l-informazzjoni kollha meħtieġa dwar is-suġġetti u l-possibiltajiet ta' studju u xogħol/professjoni fil-futur.

▼

Agħmel lista tal-possibiltajiet kollha li għandek u li jgħoddu għalik.

▼

Qassar il-lista għal żewġ jew tliet possibiltajiet u agħmel lista tal-vantaġġi u tal-iżvantaġġi li tara f'kull possibilta`.

▼

Ara x'suġġetti għandek bżonn għal kull possibilta`. Ipprova agħżel suġġetti li ma jeskludux ix-xewqa tiegħek.

## TAJJEB LI NŻOMMU F"MOĦĦNA...

**1.** Li l-istudent jagħżel dawk is-suġġetti li **JĦOBB** u li jħossu **KUNTENT** jistudja. Dan huwa importanti għax huwa l-istudent li jrid jistudja s-suġġetti għal tlett snin u jagħmel l-eżamijiet tagħhom. Għażla li tmur totalment kontra x-xewqat tal-istudent faċli biex tirriżulta filli wieħed imur ħażin fl-iskola inġenerali jew ikun hemm diffikultajiet 'il quddiem meta l-istudent jikber u jiġi biex jagħmel l-għażliet personali tiegħu .

**2.** Li l-istudent jagħżel dawk is-suġġetti li jagħmlu **SENS** skond l-**ABILTAJIET** tiegħu. Dan il-punt hu importanti daqs l-ewwel wieħed. Minħabba li l-għażla tas-suġġetti hija waħda vasta faċilment jista' jiġri li student iħossu komdu u għal qalbu f'iktar minn żewġ suġġetti. Kif spjegajt qabel hawnhekk, ta' min joqgħod ftit fil-kwiet u jaħseb fuq liema għażliet jagħmlu l-iktar sens. L-informazzjoni fil-kumplament ta' dan il-ktieb hija maħsuba biex tgħinkom tagħmlu deċiżjoni informattiva u għaqlija f'dan ir-rigward.

# TAQSIMA B

## POSSIBILITAJIET FIL-LIVELL POST-SEKONDARJU

Wara li l-istudenti fis-Seminarju jispiċċaw l-edukazzjoni obbligatorja sa year 11, ikunu jistgħu jagħżlu bejn li jkomplu l-istudji tagħhom f'diversi skejjel u kulleġġi (Sixth Forms, skejjel privati, MCAST, Universita`) jew li jmorru jaħdmu. Bħala skola aħna nippromovu u nħeġġu lill-istudenti biex ikomplu jistudjaw f'xi wieħed mill-kulleġġi li hawn f'Malta skond l-abiltajiet tagħhom u skond dak li jixtiequ jagħmlu fil-futur. Dan nagħmluh għaliex nemmnu f' l-importanza li wieħed ikompli jistudja biex b'hekk ikun jista' jsib xogħol xieraq skond l-abbiltajiet u x-xewqat tiegħu.

Biex wieħed ikun jista' jkompli bl-istudji tiegħu f'xi kulleġġ jew istitut ikollu bżonn ta' dokumenti importanti;

1. L-i***School Leaving Certificate*** (SSC&P): Dan id-dokument jirifletti l-ħidma tal-istudent matul il-ħames snin li jkun qatta fis-Seminarju. Hawnhekk ta' min jgħid li dan id-dokument mhux ibażżat biss fuq marki u fuq il-livell akkademiku imma jagħti importanza lil aspetti oħrajn fil-ħajja bħall-involviment tal-istudent fi gruppi sportivi jew volontarji wara l-ħin tal-iskola, li jgħinu lill-istudent jifforma karattru u personalita` iktar kompluta.

2. ***Iċ-Certifikati tas-SEC***. Dawn iċ-ċertifikati jinkisbu billi l-istudenti jirreġistraw għall-eżamijiet ta' suġġetti diversi li jkunu qegħdin jistudjaw. L-eżamijiet jistgħu ikunu ta' Malta maħruġin mill-MATSEC board magħrufin bħala s-**SEC** (Secondary Education Certificates) fejn student jista' jġib marki minn grad 1 (l-ogħla grad) sa' grad 7 (grad baxx) jew U (*unclassified*) f'każ li student imur ħażin ħafna. L-istudenti jistgħu jagħtu ukoll l-ezamijiet ta' barra bħal **GCSE** (*General Certificate of Secondary Education*) bl-ogħla marka tkun A* sa l-inqas marka G jew f'kaz li student imur ħażin ħafna iġib U. ***F'dan il-ktieb bħala referenza ser tintuża l-kelma uffiċjali SEC li ħafna jirreferu għaliha bħala O'Level.***

F'din it-taqsima għandkom issibu informazzjoni ġenerali fuq l-iskejjel, il-kulleġġi u l-istituti fejn wieħed ikun jista' jkompli l-istudji tiegħu wara li jispiċċa l-edukazzjoni obbligatorja fis-Seminarju. Dawn huma; Il-Junior College, il-Higher Secondary, il-Private Sixth Forms, L-MCAST, L-ITS, L-Ġem 16+, l-Youth. Inc (Aġenzija Żgħażagħ) fost oħrajn. Din l-informazzjoni għanda tgħinkom biex tifhmu aħjar x'tista' tagħmel bis-suġġetti obbligatorji u *optional* (ara taqsima Ċ) li s-Seminarju qed joffri lill-uliedkom tul it-tlett snin li ġejjin.

**N.B.** L-iskop ta' dan il-ktejjeb ma huwwiex biex jagħti informazzjoni dettaljata tal-korsijiet varji offruti minn kulleġġi u Istituti differenti. Dan huwa impossibli minħabba li l-korsijiet u r-rekwiżiti tagħhom dejjem jinbidlu minn sena għal sena. Informazzjoni dettaljata tingħata iktar 'il quddiem kemm lill-istudenti kif ukoll lill-ġenituri meta l-istudenti jiġu biex japplikaw fil-year 11. L-iskop ewlieni ta' din l-informazzjoni f'dan l-istadju huwa li wieħed ikollu idea ġenerali tas-sistema edukattiva Maltija u b'hekk wieħed ikun jista' jagħmel għażla informattiva fejn tidħol l-għażla tas-suġġetti.

## Il-Junior College u l-Private Sixth Forms

**Il-*Junior College*** huwa immirat għal dawk l-istudenti li jixtiequ jkomplu kors f'livell universitarju. Matul is-sentejn tal-*Junior College*, l-istudenti jistudjaw żewġ suġġetti f'livell avvanzat, tlieta f'livell intermedju u s-*Systems of Knowledge*. Dawn is-sitt suġġetti flimkien iwasslu għal *Matriculation Certificate Examination (MATSEC),* l-eżami meħtieġ biex wieħed jidħol l-Universita`.

*Kwalifiki meħtieġa:* Biex wieħed jidħol il-Junior College għandu bżonn sitt suġġetti fis-Secondary Education Certificate (SEC) bi grad 5 jew ogħla. Is-suġġetti huma: L-lingwa Ingliża, l-Malti, l-Matematika, Suġġett fix-Xjenza (Physics jew Chemistry jew Biology), u żewġ suġġetti oħra.

Il-Malti, it-Taljan, ir-Reliġjon, l-Istudji Soċjali, l-Istorja u l-Computer Studies iridu jkunu SEC (eżamijiet ta' Malta). Il-GCE (eżamijiet ta' barra) f'dawn is-suġġetti mhux aċċettati.

***Is-Sixth Forms Tal-Knisja*** huma l-Kulleġġi ta' De La Salle u ta' San Alwiġi. Minbarra l-aspett akademiku fejn l-istudenti jiġu mħejjija għall-MATSEC dawn il-kulleġġi jisħqu fuq il-formazzjoni umana u spiritwali tal-istudenti b'attivitajiet varjati mħejjija apposta għalihom.

***Il-Private Sixth Forms*** huma St. Edwards Sixth Form u St. Martin's College Sixth Form. Dawn joffru wkoll edukazzjoni f'livell post sekondarju u jiftħu t-triq għall-Universita' f'Malta kif ukoll universitajiet barra minn Malta. St. Edwards u Verdala Schools joffru IB li jista' jintuża f'każ fejn student ikun jixtieq ikompli bl-istudji tiegħu f' universitajiet barranin kif ukoll lokalment.

## Giovanni Curmi Higher Secondary

Din hija waħda miz-zewġ skejjel tal-gvern li jezistu fil-livell post sekondarju. Dan il-kulleġġ fin-Naxxar joffri erba' korsijiet differenti:-

**1.** ***Advanced, Intermediate, SEC /Ordinary Level Course (AIO):-*** Kors għal min jixtieq iġib xi suġġetti fil-livell Avvanzat u Ordinarju biex ikun jista' jsib xogħol. Dan il-kors ma jwassalx għall-Universita' imma jiftaħ il-bibien għal min ikun irid isib xogħol jew ikompli l-istudji tiegħu f'xi skola privata jew MCAST. L-istudent irid ikollu mhux anqas minn erba' suġġetti *SEC/GCE Ordinary Level (min: Grad 5 jew Ċ)* biex ikun jista' japplika.

**2.** ***Matriculation Certificate Examination Course (MC)***:- Kors li jwassal għall-*Matriculation Certificate Examination.* Dan il-kors hu maħsub għal dawk l-istudenti li jixtiequ jkomplu kors l-Universita`. L-istudent irid ikollu 5 suġġetti fil-livell ordinarju *SEC/GCE Ordinary Level (min: Grad 5 jew Ċ)*; tlieta minnhom minn tal-anqas iridu jkunu

minn dawn is-suġġetti li ġejjin: il-Lingwa Ingliża, il-Malti, il-Matematika, il-Fiżika, il-Bijologija u l-Chemistry.

**3*. *Refresher Course (RC)***:- Dan huwa kors ta' sena mfassal għal dawk l-istudenti li jkunu ġa għamlu sentejn jistudjaw suġġetti speċifiċi f'Livell Avvanzat jew Intermedjarju ġewwa Sixth Form imma jkollhom bżonn jirrivedu xi suġġett partikolari biex ikunu jistgħu isibu xogħol jew jidħlu l-universita'.

**4*. *18+ Individual Study Programmes***:- Kors maħsub għal dawk l-istudenti li jkollhom minn tmintax –il sena 'l fuq jistgħu japplikaw biex jitħarrġu f'suġġetti partikolari f'livell Avvanzat jew Intermedjarju.

(*Korsijiet numru 3 u 4 ma japplikawx għal dawk l-istudenti li jkunu għadhom kif spiċċaw l-istudji tagħhom fis-sekondarja)

## Ġuze` Ellul Mercer (GEM 16+)

Din hija t-tieni skola tal-gvern f'livell post-sekondarju li toffri programm edukattiv għal dawk l-istudenti li ma jkunux ġabu marki tajbin fl-ezamijiet tas-SEC fl-aħħar tal-year 11. L-istudenti eliġibbli irid ikollhom minimu ta' suġġett wieħed (SEC) minn grad 1 sa 5, jew suġġetti SEC bi gradi 6 jew 7.

F'din l-iskola l-istudenti jingħataw l-opportunita' li jistudjaw mill-ġdid l-Ingliż, il-Malti, l-Matematika u l-Fiżika jew l-ECDL. L-istudenti ikollhom ukoll lezzjonijiet tal-PE u tal-PSCD. Ir-Reliġjon u t-Taljan qegħdin jiġu offruti ukoll wara l-ħin tal-iskola għal min jixtieq. Permezz ta' din l-iskola l-istudenti jerġgħu jingħataw opportunita` oħra biex iġibu l-ezamijiet meħtieġa u jkunu jistgħu ikomplu bl-istudji tagħhom f'xi kulleġġ post-sekondarju jew jidħlu fid-dinja tax-xogħol.

## YOUTH. Inc (16-21) Aġenzija Żgħażagħ

Youth Inc. Joffri programm ta' studju mhux formali adattat għal dawk l-istudenti li jkunu spiċċaw is-sekondarja imma ma jkunux ġabu l-ebda suġġett SEC fl-aħħar tal-year 11.

L-istudenti li japplikaw jiġu assessjati biex b'hekk ikunu jistgħu jidħlu għal-wieħed mit-tlett korsijiet offruti f'din l-iskola skont l-abiltajiet tagħhom.

Tul il-perjodu li jkunu f'din l-iskola l-istudenti jitgħallmu l-Ingliż, il-Matematika u l-Malti u l-ICT. L-istudenti ikollhom lezzjonijiet dwar *life skills* li jgħinuhom fil-ħajja u jingħataw opportunita' ta' taħriġ fuq il-post tax-xogħol. Studenti li jmorru tajjeb ikunu jistgħu ikomplu bl-istudji tagħhom ġewwa l-MCAST jew jidħlu fid-dinja tax-xogħol.

## Ċentri ta' Taħriġ għal Studenti bi Bżonnijiet Speċjali

Minbarra l-iskejjel akkademiċi u vokazzjonali jeżistu ukoll ċentri ta' taħriġ li huma maħsuba biex jilqgħu fihom studenti bi bżonnijiet speċjali. Fost dawn l-istituzzjonijiet insibu Dun Manwel Attard- Young Adult Education Resource Centre magħruf iktar bħala il-Wardija Training Center, u l-ETC li joffri żewġ korsijiet f'dan il-livell; il-Job Bridge u s-Sheltered-Employment Training Programme. Hawnhekk ta' min isemmi ukoll li anke l-MCAST toffri korsijiet simili għal studenti li jkollhom bżonnijiet partikolari permezz tal-Pathway Programmes.

L-iskola, permezz ta'tim speċċjalizżat imexxi mill-INCO tieħu ħsieb biex fil-year 11 isejjaħ lill-ġenituri biex flimkien mal-istudent naraw liema huma dawk il-postijiet l-iktar adatatti fejn fih l-istudenti ikun jista' jkompli jiżviluppa l-abiltajiet tiegħu wara li jispiċċa l-year 11.

## L-International Tourism Studies (ITS)

L-industrija tat-Turiżmu hi waħda importanti u fundamentali għal pajjiżna u toffri numru ta' karrieri f'oqsma differenti fis-settur għal dawk li jagħżlu din it-triq. Fost dawn il-karrieri insibu koki, gwidi, front office, animaturi, sports (health & fitness), aġenti tal-ivjaġġar, tour operators, u postijiet maniġerjali fost oħrajn.

L-Istitut tal-ITS joffri diversi korsijiet marbuta mal-industrija tat-turiżmu. Il-korsijiet offruti huma fil-livell ta' *Foundation (Level 2), Certificate (Level 3), Diploma (Level 4)* jew *Higher Diploma (Level 5).* Fil-futur qarib l-ITS ħa tkompli testendi l-korsijiet tagħha għal-*Degree (level 6), li bħalissa hu offrut biss fl-Universita`; Bachelor of Arts (Hons.) in Tourism Studies.*

Student li jkun spiċċa l-istudji tiegħu fis-sekondarja u jkun ġab minn tal-inqas 5 suġġetti (SEC) fil-Malti, l-Ingliz, il-Matematika flimkien ma' zewġ suġġetti oħra, u li jkun għalaq is-sittax –il sena sal-aħħar ta' Gunju jkun jista' jidħol mill-ewwel f' livell 3 *Certificate*. Jekk wieħed minn dawn iz-zewġ kriterji ma jkunx milħuq l-istudent ikollu jibda minn livell 2 *(Foundation)* li hu kors ġenerali ta' sena li jagħtih il-ħiliet neċessarji biex ikun jista' javvanza f'livelli iktar għoljin.

Tajjeb li wieħed jinnota li dan il-kulleġġ hu wieħed vokazzjonali jigifieri li minbarra l-aspett akkademiku tingħata importanza kbira għall-prattika b'mod speċjali fuq il-post tax-xogħol. Għaldaqstant l-istudenti jingħataw l-opportunita` li jitħarrġu fuq il-post tax-xogħol kemm matul is-sena skolastika kif ukoll fis-sajf. Din il-prattika flimkien mal-eżamijiet huma neċċessarji biex wieħed javvanza minn livell għal ieħor. Hawnhekk ta' min isemmi wkoll li f'

livell 4 (Diploma) l-istudenti jridu jagħmlu sena jaħdmu barra minn Malta *(International Intership)* biex ikunu jistgħu ikomplu bl-istudji tagħhom f'livell 5 u 6.

Suġġetti preferuti fl-ITS huma l-**lingwi (Malti, Ingliż, Franċiż, Taljan u l-Ġermaniż**, **il-Business Studies, il-Physical Education (option) u l- Hospitality** fost suġġetti oħrajn.

## Malta College for Art, Science and Technology – MCAST

L-MCAST joffri għadd ta' korsijiet vokazzjonali u hu maħsub biex joffri alternattiva għal dawk l-istudenti li ma jixtiqux jaqbdu t-triq tal-Universita' fil-fatt l-MCAST jibbaża l-istudji tas-suġġett iktar mill-aspett prattiku *(hands on)* milli mill-aspett teoretiku kif jiġri fl-Universita`. L-MCAST joffri lill-istudenti l-possibilta' tal-apprentistat, iġifieri li minbarra li jkunu qed jistudjaw ikunu mitluba li jaħdmu f'xi xogħol relatat mal-kors li jkunu qed jistudjaw, dan jgħinhom biex minbarra t-teorija ikunu qed jiksbu l-esperjenza li hija mitluba u mfittxija fid-dinja tax-xogħol. L-MCAST hu maqsum fi tlett kulleġġi separati.

***Fl-MCAST Foundation College*** jiġu mgħallma s-suġġetti f' livelli 1, 2 u 3. Biex wieħed jidħol għal xi kors f'dan il-livell is-suġġetti u ċ-ċertifikati mitluba jvarjaw minn School Leaving Certificate (Level 1) sa massimu ta' żewġ suġġetti f' livell Ordinarju (SEC).

Jekk student ikollu erba' suġġetti f' livell ordinarju jew iktar ikun jista' jidħol fl-**MCAST Technical College** fejn hawn jiġu mgħallma s-suġġetti f'livell 4. Għaldaqstant iktar ma student imur tajjeb fl-eżamijiet tas-SEC u jkollu ċertifikati aktar ikun jista' jidħol f'dan il-kulleġġ b'mod dirett u jaqbeż l-MCAST Foundation College.

***L-MCAST University College*** joffri l-possibilta` lill-istudenti li jkunu jixtiequ jibqgħu javvanzaw fl-istudji tagħhom f' livell ta' Higher National Diploma (Livell 5), Degree (Livell 6) jew Masters (livell 7). Dan jistgħu jagħmluh billi jew ikunu lestew il-kors f' livell 4 fl-*MCAST Technical School* jew wara li jkunu ġabu minn ta' l-inqas żewġ *A' levels* u żewġ *intermediates* f'waħda mis-Sixth forms.

L-Istituti fl-MCAST huma dawn;

**1.** ***L-Istitut tax-Xjenza Applikata;*** Dan l-istitut joffri 'l istudenti l-opportunita` li jkomplu l-istudji tagħhom fil-qasam tax-xjenzi u fil-kummerċ agrikolu (trobbija ta' l-annimali u ortokultura). Xogħlijiet relatati mal-korsijiet offruti minn dan l-istitut huma *health administrator, environmental health practioner, laboratory analyst/ technologist, pharmacy technicians, medical representative, health administrator & environmental engineering,*

xogħol fil-qasam tal-agrikultura; biedja, trobbija u kura  tal-annimali, fish farming, u landscaping fost l-oħrajn. Fost is-suġġetti mitluba insibu L-**Ingliż**, il-**Malti**, l-**Chemistry**, il-**Biology**, il-**Physics, l-Agribusiness, il-Maths, id-Design & Technology u l-Computer Studies**.

**2.** ***L-istitut tan-Negozju u l-Kummerċ;*** Dan l-Istitut jiġbor fih numru ta' korsijiet fil-qasam tal-kummerċ u dak finanzjarju.  Xogħlijiet relatati mal-qasam tal-kummerċ huma dawk ta' *accountant technician*, skrivana, insurance, servizzi finanzjarji, l-posta, reklamar u promozzjoni tal-prodotti, l-intrapriża u *customer care*. Il-parti l-kbira tal-korsijiet jitolbu minn tnejn sa erba' suġġetti fil-livell ordinarju, ġeneralment **il-Maths, il-Malti u l-Ingliż**. Suġġetti bħall-**Business Studies u l-Accounts** huma fost il-preferuti.

**3.** ***L-Istitut għas-Servizzi fil-Komunita`***; L-Istitut joffri korsijiet lill-istudenti li huma interessati li jagħtu servizzi essenzjali lill-komunita` bħal *hairdressing*, sports, *beauty therapy, heath and social care, nutrition* u *kindergarten assistant*. Is-suġġetti mitluba jvarjaw skond il-kors.  **L-Ingliż, l-arti, l-Malti, il-Maths, il-Physics, il-Biology u l-Chemistry u l-Physical Education** huwa fost is-suġġett preferuti jew obligatorji f'dan l-istitut.

**4.** ***l-Istitut tal-Arti***;  Dan l-Istitut joffri numru ta' korsijiet għal dawk l-istudenti li għandhom għal qalbhom xi professjoni marbuta mal-qasam tal-arti u d-disinn. Xogħlijiet marbuta ma' dan il-kors huma dawk ta' restawratur, *3D designers*, xogħlijiet fil-qasam tal-midja (pubblikazzjonijiet, websites/ brochures/ riklamar), *video editing, filming, ceramist, jeweler, graphic designer, web designer, photographer, fine artist* fost oħrajn. Ħafna mill-korsijiet f'dan l-istitut jitolbu għarfien **fl-Arti**, **fl-Ingliż, fil-Graphical Communication, fil-Computer Studies, fid-Design & Technology u fil-Maths.**

**5.** ***L-Istitut tal-Inginerija u Transport;***  Dan l- istitut  joffri l-ikbar numru ta' korsijiet. Dan l-istitu iħarreġ l-istudenti fl-industrija tal-kostruzzjoni u oqsma oħra relatati magħha bħal mogħdija ta' servizzi li huma relatati mal-bini, fabrikazzjoni tal-għamara, fl-Inġenerija mekkanika u elettronika, tiswija ta' magni ta' karozzi, manutenzjoni ta' ajruplani u tħejjija għal kors ta' kaptan tal-vapuri.

Fost il-possibiltajiet ta' xogħol marbuta ma' dan il-kors insibu dawk ta' bennej, *refrigeration technician, plumber, tile layer, plasterer, welding, mastrudaxxa, draughtsperson, shipping clerk, mooring man, navigational officer, marine pilot, engineer officer, ship and cargo surveyer, ship security officer, panel beater, sprayer, vehicale mechanic, polymer process technician, machine operators, draughts person, technicians (refrigiration, marine, medical),*u *supervisors electronic technician, networking/ electrical/ electronics/ maintenance technician, electrical engineer, research engineer, biomedical engineer.* Il-korsijiet bażiċi jitolbu biss li wieħed ikun temm l-edukazzjoni obligatorja tiegħu.  Korsijiet f'livell għola normalment jitolbu suġġetti iktar speċifiċi bħal **Maths, Physics, Graphical Communication, id-Design & Technology, l-Ingliż, il-Computer Studies, Design & Technology u Chemistry.**

**6.** ***L-Istitut tat-Teknoloġija tal-Informatika u l-Komunikazzjoni;*** Dan l-Istitut joffri korsijiet fuq *hardware, programing, network installation* u oqsma oħra relatati mal-kompjuter.  Is-suġġetti mitluba għal dan il-qasam huma il-**Maths**, il-**Physics u l-Computer Studies**. Uħud

mix-xogħolijiet relatati ma' dan l-istitut huma dawk ta programmers, computer technicians, network administrator, web designer, system analyst/ designer, software development.

L-industrija f'Malta tassigura postijiet tax-xogħol kemm għal dawk l-istudenti li studjaw fl-Universita` kif ukoll fl-MCAST. Tajjeb li ngħidu ukoll li l-MCAST għandu ċertu limitazzjonijiet minħabba li t-triq li twassal għall-professjonijiet bħal dawk ta' perit, tabib, dentist, avukat, accountant u għalliem fost l-oħrajn hija dik ta l-Universita`.

## L-UNIVERSITA`

Wara li l-istudent ikun spiċċa s-sentejn ta' studju f' wieħed mill-kulleġġi post-sekondarji u jkun ġab il-MATSEC ikun jista' jidħol l-Universita`. L-Universita` toffri numru ta' korsijiet fejn wieħed ikun jista' jkompli jispeċjalizża fis-suġġett li fuqu jkun jixtieq jibni l-karriera tiegħu. Fl-Universita` wieħed isib diversi fakultajiet li joffru għażla vasta ta' suġġetti marbuta ma professjonijiet partikolari. Il-fakultajiet fl-Universita` huma dawn;

**Il-Fakulta tal-Arti**:- Tajjeb li ngħidu li b'Arti f'dan il-każ mhux qed nifhmu t-tpinġija, imma l-istudju tal-lingwi, u ta' suġġetti soċjali u kulturali. Dan il-kors ta' tlett snin jiftaħ lill-istudenti ħafna bibien biex ikunu jistgħu ikomplu l-istudju tagħhom u jispeċjalizżaw fis-suġġetti li jixtiequ. Fost il-karrieri marbuta ma' din il-fakulta insibu dik ta' għalliem, translator, xogħljiet fid-dipartimenti tal-gvern, xogħlijiet fl-Unjoni Ewropeja u fil-media.

**Il-Fakulta tal-Bini Ambjentali**:- Din il-fakulta tħejji l-istudenti għall-professjoni ta' perit. Is-suġġetti mitluba huma dawk tal-**Maths** u **l-Physics**. Il-**Graphical Communication, l-Chemistry u l-Computer Studies** għalkemm mhux obbligatorji huma fost il-preferuti.

**Il-Fakulta tad-Dentistrija**:- Din il-fakulta tħejji l-istudenti għall-professjoni ta' dentist u xogħlijiet oħra marbuta mad-dentistrija bħal dik ta' *oral surgeon*, xogħlijiet fil-laboratorji u *dental hygienist*. **Il-Biology, il-Chemistry u l-Physics** huma suġġetti importanti għal dawk l-istudenti li jridu jispeċċjalizżaw f'dan il-qasam.

**Il-Fakulta tal-Ekonomija, Management u Accountancy:-** Din il-fakulta toffri għadd ta' professjonijiet fil-qasam ekonomiku fosthom dik ta' accountant (liċenzjat), awdituri, ekonomista, insurance, banek, finanzi, *marketing*, il-forzi armati, servizzi diplomatiċi u dipartimenti tal-gvern li għandhom x'jaqsmu ma' *policies* u riċerka. Is-suġġett mitlub huwa dak tal-**Maths** imma suġġettti bhall- **Business Studies** u l-**Accounts** huma ta' vantaġġ kbir għal min jidħol għal xi wieħed min dawn il-korsijiet offruti f'din il-fakulta.

**Il-Fakulta tal-Edukazzjoni**:- Din il-fakulta tħejji lill-istudenti għall- professjoni ta' għalliem tal-primarja jew sekondarja. Il-fakulta tal-edukazzjoni tħejji ukoll studenti li jkunu jixtiequ

jaħdmu bħala *Learning Support Assistants* u *Child Care Centres*. Livell għoli tal-**Malti** u L-**Ingliż** flimkien mal-**ECDL** huma importanti f'din il-fakulta`. Kull suġġett mgħallem fl-iskola sekondarja jista' jiġi studjat f'din il-fakulta. (Din il-fakulta ser tgħaddi minn tibdil sostanzjali fis-snin li ġejjin)

**Il-Fakulta` Tal-Inġinerija:-** Din il-fakulta` tiġbor fiha kemm dawk l-istudenti li jixtiequ jispeċċjalizżaw fl-inġenerija mekkanika jew eletronika. Il-**Maths** u l-**Physics** huma s-suġġetti mitluba. Il-**Graphical Communication**, il-**Chemistry** u l-**Computer Studies** huma suġġetti poplari fost l-istudenti li jiffrekwentaw din il-fakulta.

**Il-Fakulta` tal-*Health Sciences*:-** Din il-fakulta` tiġbor fiha għadd ta' professjonijiet bħal dik ta' *nutritionists, medical laboratory scientist, speech therapist, nurses, radiographer, physiotherapy, podiatry* u *nursing*. Is-suġġetti mitluba huma dawk tal- **Biology**, **Chemistry** u **Physics** skond il-kors speċifiku li wieħed ikun jixtieq jispeċjalizża fih.

**Il-Fakulta` tal-Informazzjoni u l-Kommunikazzjoni Teknoloġika (ICT):-** Din il-fakulta` tħejji 'l-istudenti biex jispeċċjalizżaw f'xi qasam relatat mal-kompjuter. Fost ix-xogħlijiet insibu dawk ta' *programmers, systems engineers, project leader and developers, software developers* u *networking.* Il-**Maths** flimkien mal-**Computer Studies** huma bżonnjużi f'din il-fakulta`.

**Il-Fakulta tal-Liġi:-** Din il-fakulta tħejji l-istudent biex jispeċjalizża fil-qasam tal-Liġi bħala avukat jew nutar. Is-suġġetti mitluba f'dan l-istitut huma livell Avvanzat fil-**Malti** u l-**Ingliż** fost l-oħrajn.

**Il-Fakulta` tal-Midja u l-Għarfien Soċjali:-** Din il-fakulta` hi maqsuma fi tlett sezzjonijiet. Insibu l-Bachelor of Communications li joffri opportunitajiet ta' xogħol f'oqsma diversi tal-ġurnaliżmu. Bachelor of Fine Arts in Digital Arts li jirrikjedi livell avvanzat fis-suġġett tal-**arti**. Il-Bachelor of Library, Information and Archive Studies iħarrġu l-istudenti biex ikun jistgħu jaħdmu bħala librara jew f'arkivji. Livell tajjeb fil-lingwa tal-**Ingliż** huwa importanti f'din il-fakulta`.

**Il-Fakulta` tal-Mediċina u l-Kirurġija:-** Din il-fakulta` hija għal dawk l-istudenti li jridu jitħarrġu fil-professjoni ta' tabib, xjentist jew fil-qasam farmaċewtiku. Il-**Biology**, il-**Chemistry** u l-**Physics** jew **Maths** huma suġġetti li jiftħu l-iktar bibien għal dawk l-istudenti li għandhom għal qalbhom ix-xjenza.

**Il-Fakulta` tax-Xjenzi:-** Din il-fakulta` tiġbor fiha għadd ta' suġġetti xjentifiċi bħal **Chemistry**, **Biology**, **Physics**, **Computer Studies** u **Maths**. Fost il-possibilta` ta' xogħlijiet relatati mal-istudji ta' dawn ix-xjenzi insibu pożizzjonijiet fl-uffiċji tal-istatistiċi tal-gvern, l-industriji tal-avjazzjoni, tal-manifattura, tal-kommunikazzjoni u tal-farmaċewtika, *betting*

*companies*, xogħlijiet ta' riċerka f'laboratorji, u impjegati fid-dipartimenti tal-gvern (national staistics).

**Il-Fakulta` ta' *Social Well Being*:-** Din il-fakulta tiftaħ toroq diversi lill-istudenti fosthom dik tal-kriminoloġija, psikoloġija u social policy. Xogħlijiet relatati ma' l-istudju ta' xi wieħed minn dawn l-oqsma huma dawk ta' uffiċjali fil-korp tal- puluzija, fil-ħabs jew ma kumpaniji privati. Xogħlijiet fid-dipartimanti tal-gvern (edukazzjoni, saħħa, social welfare), NGO's. Il-kors tal-psikoloġija jirrikjedi l-**Biology** f'livell intermedjarju u jħejji 'l-istudenti biex ikomplu l-istudji tagħhom f'livell ta' Masters u jiksbu l-warrant ta' psikoloġii jew counsellors.

**Il-Fakulta tat-Teoloġija:--** Din il-fakulta minkejja li hi marbuta b'mod dirett mal-kors li jagħmlu l-qassisin hi miftuħa għall kull min jixtieq jidħol iktar fil-fond fuq it-tagħlim tal-Knisja. Dan il-kors hu flessibli b'tali mod li jilqa' fih għadd ta' studenti minn fakultajiet oħra li jiddeċidu li jistudjaw it-teoloġija bħala t-tieni suġġett tagħħhom. Għal dan il-kors m' hemmx għalfejn ikollok suġġetti partikolari għaldaqstant hu miftuħ għal kull minn għandu l-MATSEC.

***Institute of Earth Systems*:-** Dan l-istitut jispeċjalizza fil-konservazzjoni tal-ambjent, f'enerġija alternattiva u f'eko-sistemi imħaddma fil-Mediterran. Is-suġġetti mitluba huma dawk tal- **Biology**, **l-Chemistry**, il-**Maths** u l-**Physics** fost l-oħrajn. Xogħlijiet marbuta ma' dan l-istitut huma uffiċjali fil-MEPA, fl-MRA fil-ministeru tal-ambjent, f'aġenziji ambjentali kemm f'Malta kif ukoll fl-Unjoni Ewropeja fost l-oħrajn.

**Istitut tal-Istudji Ewropej:-** Dan l-istitut jispeċjalizża fl-istudji Ewropej. Għalkemm is-suġġett mitlub hu l-**Ingliż** hemm għadd ta' suġġetti oħra sekondarji li xi wħud minnhom jitolbu li jkollok livell avvanzat jew dak ta' intermediate fih biex tkun tista' tagħżlu. Meta student jispiċċa l-istudji tiegħu ikun jista' jsib xogħol f'xi istituzzjoni tal-Unjoni Ewropeja kemm f'Malta kif ukoll barra minn xtutna, f'ministeri tal-gvern, EU projects/funds adminstrator, rwoli importanti fejn jidħlu servizzi diplomatiċi, fil-midja u fl-edukazzjoni.

**Istitut tal-Edukazzjoni Fiżika u Sports:-** Dan l-istitut jispeċjalizża fuq l-isports. Biex wieħed jidħol f'dan l-istitut ma hemmx bżonn ta' suġġetti partikolari imma l-applikanti iridu jippreżentaw ***medical fitness test*** u ***portfolio*** li juri l-interess tal-istudent fil-qasam sportiv.

***Mediterranean Institute*:-** Dan l-istitut joffri studju fl-arti taż-żfin professjonali. Studenti li jridu jkunu jixtiequ jidħlu għal dan il-kors iridu jipprovdu prova ta' esperjenza li jkunu ħadu taħriġ f'xi waħda mill-iskejjel taż-żfin rikonoxxuta mill-universita`.

**Istitut tat-Turiżmu , Vjaġġar u Kultura:-** Dan il-kors hu mmirat b'mod speċjali għall-istudenti li jkunu qed jistudjaw l-ITS (Higher National Diploma). Dawn l-istudenti jistgħu ikomplu javvanzaw fl-istudji tagħhom l-universita` f'livell ta' Baċċelerat.

***School of Performing Arts:-*** Minbarra l-eżamijiet tal-MATSEC l-istudenti li jappliaw għal dan il-kors universitarju iridu jattendu għall-interview u audition taż-żfin.

# WEBSITES IMPORTANTTAQSIMA Ċ

| | |
|---|---|
| **JUNIOR COLLEGE** | Web site:- http://www.jc.um.edu.mt/<br><br>Prospectus:- http://www.jc.um.edu.mt/publications |
| **GIOVANNI CURMI HIGHER SECONDARY** | Web site:- http://gchss.edu.mt/<br><br>Courses:- http://gchss.edu.mt/courses/ |
| **GUZE ELLUL MERCER GEM 16 +** | Web site:- http://education.gov.mt/en/education/Pages/GEM16plus.aspx |
| **YOUTH. Inc AĠENZIJA ZGĦAZAGH** | Web site:- http://www.agenzijazghazagh.gov.mt/categories/937/youth_inc/ |
| **DE LA SALLE SIXTH FORM** | Web site:- http://www.delasallesixthformmalta.org/ |
| **ST. ALOYSIUS COLLEGE** | Web site:- http://www.jesuit.org.mt/sac/ |
| **ST. EDWARD'S COLLEGE** | Web site:- http://www.stedwards.edu.mt/ |
| **ST. MARTIN'S COLLEGE** | Web site:- http://chs.edu.mt/services/sixthform<br>Courses:- http://chs.edu.mt/services/sixthform/Students |
| **MCAST** | Web site:- http://www.mcast.edu.mt/ |
| **ITS** | Web site:- http://www.its.edu.mt/<br><br>Prospectus:- http://www.its.edu.mt/courses-admission/its-prospectus.html |
| **UNIVERSITY OF MALTA** | Web site:- http://www.um.edu.mt/<br><br>Courses:- http://www.um.edu.mt/courses/ |

# TAQSIMA Ċ

## Is-Sillabu Mill-Year 9 sal Year 11.

Is-suġġetti offruti lill-istudenti tas-Seminarju bejn il-year 9 u l-year 11 nistgħu naqsmuhom f'żewġ kategoriji; il-***compulsory subjects*** li huma ħdax -il suġġetti li kull student irid ikompli jistudja sal-year 11 u l-***optional subjects*** li huma dawk iż-**żewġ** suġġetti li l-istudenti iridu jagħżlu apparti s-suġġetti obbligatorji (*compulsory subjects*).

***Il-Compulsory Subjects*** huma **l-Malti**, **l-lingwa Ingliża**, **lingwa barranija** (Taljan , Ġermaniż jew Franċiż), **il-Letteratura Ingliża**, **l-Istudji Ambjentali**, **l-Matematika**, **l-Physics**, **il-Computer Literacy**, **ir-Reliġjon**, il-**PSCD**, u **l-Physical Education**.

***L-Optional Subjects*** kif indikat f'tabella 2 huma ħdax li minnhom l-istudenti iridu jagħżlu tnen. L-optional subjects huma; **l-Biology**, **il-Chemistry**, **il-Business Studies**, **l-Accounts, il-Computer Studies, il-Graphical Communication, id-Design & Technology, l-Arti**, l-**Edukazzjoni Fiżika, l-Agribusiness u l-Hospitality.**

## L-Għażla tal-Optional Subjects

L-iskola qed toffri kombinazzjoni ta' suġġetti magħqudin flimkien f'pari (eż: Business & Accounts, jew Biology & Chemistry) li minnhom l-istudenti huma mitluba biex jagħżlu l-iktar kombinazzjoni ta'suġġetti li l-iktar li tagħmel sens għalihom u li fuq kollox li tkun l-iktar għal qalbhom. (ara Tabella No. 2)

Hawnhekk ta' min isemmi xi punti importanti għaliex kellu jiġi adattat dan il-metodu ta' għażla.

1. Wieħed jifhem li l-iskola bħall kull istituzzjoni oħra ma tistax tħalli l-għażla tas-suġġetti b'mod totalment miftuħ, iġifieri li wieħed jagħżel żewġ suġġetti li jrid ikunu liema jkunu. Dan għaliex jekk isir hekk ikun hemm problemi loġistiċi, fi' kliem li jiftiehem jew it-Time Table ma tkunx tista' tinħadem jew inkella ma jkollniex għalliema biżżejjed biex jgħallmu suġġett/i partikolari. Din l-istess sistema hija mħaddma minn Sixth Forms, Kulleġġi post-sekondarji u l-Universita li joffru skemi ta' suġġetti li minnhom student ikollu jagħżel.

2. L-iskola ħadet ħsieb li tikkombina dawk is-suġġetti li l-iktar li jagħmlu sens. Dan għamilnih billi:

   i. Rajna liema kienu l-iktar għażliet popolari fis-snin preċedenti.
   ii. Rajna x'qed titlob l-industrija tax-xogħol illum fejn finalment l-istudenti iridu jaħdmu fil-futur.
   iii. Ikkonsultajna mal-għalliema tas-suġġetti *optional* biex inkunu żgurati li l-kombinazzjonijiet ta' suġġetti li qed noffru jagħmlu sens li jkunu flimkien.
   iv. Ħadna ħsieb ukoll li noffru kombinazzjonijiet ta' suġġetti li jappellaw għal studenti b'abiltajiet u interessi differenti biex b'hekk ħadd ma jkun eskluż.

**TABELLA 2**

| **KOLONNA A**<br><br>**KOMBINAZZJONIJIET TA' SUĠĠETTI** | **KOLONNA B**<br><br>**IMMARKA L-EWWEL U T-TIENI PREFERENZA TIEGĦEK** |
|---|---|
| Accounts + Computing<br>Accounts + Hospitality<br>Agribusiness + Hospitality<br>Agribusiness + Physical Education<br>Art + Physical Education<br>Art + Graphical Communication<br>Biology + Physical Education<br>Biology + Agribusiness<br>Business Studies + Accounts<br>Business Studies + Computing<br>Business Studies + Hospitality<br>Chemistry + Biology<br>Chemistry + Computing<br>Chemistry + Graphical Communication<br>Design & Technology + Graphical Communication<br>Design & Technology + Hospitality<br>Design & Technology + Art<br>Design & Technology + Computing | |

## Deskrizzjoni tas-Suġġetti

F'din is-sezzjoni ħsibna biex nagħtukom idea ġenerali ta' kull suġġett, kemm dawk obbligatorji kif ukoll dawk *optional.* L-idea hi li ngħinukom tifhmu r-rilevanza ta' kull suġġett mhux biss għal skop ta' eżamijiet u xogħol imma bi skop li permezz tas-suġġetti varji l-istudenti jiffurmaw il-karattru u l-personalita' tal-istudent b'mod ħolistiku li huwa l-bażi tal-*ethos* tas-Seminarju.

# *IL-COMPULSORY SUBJECTS*

### Il-Lingwi

L-istudju tal-lingwi (il-Malti, l-Ingliż, il-Franċiż, il-Ġermaniż u t-Taljan) jagħtu l-liberta` u l-flessibilta` biex wieħed ikun jista' jikkomunika b'mod effettiv man-nies ta' madwaru. Minbarra minn hekk f'kull karriera li wieħed jaqbad anke jekk tkun waħda xjentifika l-użu tal-lingwi hija fundamentali minħabba li huwa permez tagħha li trid tikkomunika l-ħsibijiet u x-xogħol tiegħek.

Kemm fl-MCAST, fl-ITS, kif ukoll fl-Univerista`, hemm korsijiet li huma marbutin direttament mal-istudju tal-lingwi. Korsijiet oħrajn li ma għandhomx x'jaqsmu mal-lingwi ukoll jitolbu li jkollok s-SEC fil-lingwi u mingħajrom ma tkunx tista' tidħol għall-kors li tixtieq. Biex wieħed jifhem aħjar l-importanza tal-lingwi ta' min isemmi li l-Malti u l-Ingliż huma tnejn mis-suġġetti obligatorji li mingħajrhom ma tistax tidħol il-Junior College biex imbagħad tkompli bl-istudji tiegħek ġewwa l-Universita', irrelevanti mill-kors li tkun tixtieq tieħu. Xi ftit eżempji ta' karrieri li huma marbutin direttament mal-lingwi huma dawk ta' għalliem, avukat, nutar, *traduttur, proof reader*, ġurnalist, *communication therapist,* karrieri fl-Unjoni Ewropeja u librar. Hemm numru kbir ta' karrieri marbutin mas-settur tat-turiżmu bħal *mangement, tourist guide, sports co-ordinator* fost oħrajn.

### Il-Maths u l-Physics

Il-Maths u l-Physics kemm jekk jittieħdu individwalment kif ukoll jekk wieħed ikompli jistudja fuqhom it-tnejn f'daqqa jiftħu opportunitajiet kbar lill-istudenti f'oqsma diversi fosthom ix-xjenza, l-inġenerija mekkanika u elettronika, l-arkitettura, l-kostruzzjoni, l-mediċina u l-IT. Il-Maths huwa wkoll wieħed mis-suġġetti obligatorji biex wieħed jidħol l-Universita`. L-Physics huwa wkoll wieħed mit-tlett suġġetti xjentifiċi (Physics, Chemistry, Biology) li jrid ikollok minn tal-inqas wieħed biex tidħol l-Universita'. **Kif rajna f'taqsima B ħafna mill-korsijiet offruti fl-MCAST ukoll jitolbu li jkollok l-Maths jew il-Physics jew it-tnejn f'daqqa biex tkun tista' tapplika għalihom.**

Xi xogħlijiet li huma marbuta direttament mal-istudju tal-Maths jew Physics jew it-tnejn f'daqqa huma dawk ta' perit, *draughtsperson, technicians,* inġenier (mekkanika jew

elettrika), bennej, *craftsman, tradesperson,* għalliem, spiżjar, dentist, *physiotherapist*, xogħol f' laboratorji, *nutritionist, mangement, accountants, marketing, banking & finance* u xogħol fl-IT u management fost ħafna oħrajn.

**L-Istudji Ambjentali**

Dan is-suġġett jitratta l-istudju ta' tliet suġġetti kombinati flimkien; il-Ġografija, l-Istorja u l-lstudju Soċjali. Dan is-suġġett minbarra li jiftaħ diversi toroq u joffri opportunitajiet diversi lill-istudenti biex ikomplu jidħlu fil-fond tas-suġġett iktar 'il quddiem jgħin l-istudenti jifhmu aħjar u japrezzaw iktar l-ambjent ta' madwarhom u jnissel fihom sens ta' identita`.

Xi wħud mix-xogħolijiet marbuta ma' dan is-suġġett huma f'ministeri tal-gvern, oqsma fl-Unjoni Ewropeja, għalliem tas-suġġett, koperattivi u pożizzjonijiet fil-parlament Malti.

**Il-Computer Literacy**

Il-Computer literacy jipprepara 'l istudenti kollha biex ikunu jistgħu jużaw il-kompjuter fl-oqsma kollha relatati b'mod dirett jew indirett mal-informatika. F'dan is-suġġett l-istudenti jitgħallmu fuq *wordprocessing, spreadsheet, presentation, databases, internet* u aktar. L-istudenti għandhom l-opportunita' li jġibu l-ECDL waqt dan il-kors.

Il-karrieri relatati ma' dan is-suġġett huma diversi billi dan huwa suġġett li l-istudenti jistgħu ikomplu jiżviluppaw 'il quddiem fil-kulleġġi post-sekondarji u terzjarji irrelevanti mill-kors li jkunu ser jidħlu għalih. Illum tista' tgħid li kull xogħol li hawn jitlob għarfien fil-qasam tal-I.T minħabba li l-użu tal-kompjuter hu neċessarju f'kull settur ta' xogħol. Fl-Universita` wieħed jista' jkompli fuq l-IT anke jekk dan ma jkunx studja l-Computer Studies fis-sekondarja. L-ECDL huwa obligatorju biex tidħol għall-kors ta' għalliem ta' kwalunkwe suġġett fl-Universita`.

**Ir-Reliġjon**

Dan huwa suġġett li jitratta diversi aspetti importanti fil-ħajja tal-istudenti bħal valuri nsara mibnija fuq it-tagħlim ta' Ġesu' u t-tagħlim tal-Knisja. L-istudenti jkollhom l-opportunita' li jistudjaw ukoll fuq reliġjonijiet oħrajn. Dan is-suġġett jipprova jagħti tweġiba għal mistoqsijiet fundamentali tal-bniedem.

L-istudenti jistgħu ikomplu jidħlu fil-fond ta' dan is-suġġett billi jkomplu l-kors tat-teoloġija fl-Universita' ta' Malta. Minbarra għarfien iktar profond tar-reliġjon nisranija dan il-kors joffri opportunitajiet diversi ta' xogħol kemm bħala għalliem tas-suġġett kif ukoll opportunitajiet oħra f'oqsma relatati. Il-kors tat-teoloġija mhuwiex limitat għal min irid isir

qassis biss, ħafna mill-istudenti li jistudjaw il-liġi jew il-filosofija fl-Universita` jieħdu t-teoloġija bħala t-tieni suġġett tagħhom.

**Il-PSCD**

Il-PSCD huwa suġġett fejn l-istudenti jkollhom l-opportunita' li jikbru bħala bnedmin kemm b'mod personali (*intra-personal education*) kif ukoll b'mod soċjali (*inter-personal education*). F'dan is-suġġett l-istudenti jkollhom iċ-ċans li jesprimu lilhom nfushom b'mod liberu u jaqsmu ħsibijiethom f'ambjent differenti minn dak ta' kif isiru l-kumplament tal-lezzjonijiet.

Il-PSCD jagħti lill-istudent dawk il-ħiliet li huma bżonnjużi u neċessarji biex hu ikun jista' jimxi 'il quddiem fil-ħajja u jsib postu fis-soċjeta' inkluż id-dinja tax-xogħol. Fis-sillabu tal-PSCD hemm inkluż għadd ta' lezzjonijiet dwar il-karrieri bil-għan li jħejju lill-istudenti b'abiltajiet neċessarji li huma bżonnjużi fid-dinja tax-xogħol.

**L-Edukazzjoni Fiżika**

L-għan ta dan il- kors huwa sabiex jgħin 'l-istudent jiżviluppa l- kapaċità fiżika u sabiex tinħoloq kuxjenza dwar l-importanza tas-saħħa fis-sens wiesgħa tagħha. Studenti li qed isegwu dan il- kors għandhom ikunu kapaċi jagħrfu l-importanza tal-attività fiżika u għandu jkollhom il- kompetenzi bażiċi sabiex jagħmlu dan.

## ***L-OPTIONAL SUBJECTS***

Fil-każ tal-*Optional Subjects* minbarra l-informazzjoni fuq is-suġġett u l-opportunitajiet ta'xogħol qed ninkludu ukoll ***is-suġġetti indikaturi.*** Dawn huma s-suġġetti li l-istudent irid ikun sejjer tajjeb fihom fil-year 7 u l-year 8 biex b'hekk ikun jista' jagħżel s-suġġetti li jixtieq u ma jsibx problemi is-sena li ġejja meta jibda s-sillabu bis-suġġetti l-ġodda.

Biex nagħtu eżempju biex wieħed jagħżel il-Business Studies u l-Computer Studies flimkien qed nitolbu li l-istudent jkollu livell medju fl-Ingliż fil-każ tal-Business Studies, u li jkollu livell għoli fil-Mathematics u fl-ICT li huma s-suġġetti indikattivi fil-każ tal-Computer Studies.

Bħala gwida biex tifhmu l-livelli mitluba (Sodisfaċenti, Medju, Għoli) ara Tabella 3.

**Bħala skola nistgħu noffru biss suġġerimenti u gwida. Pero l-għażla aħħarija u r-responssabilta` tagħha taqgħa f'idejn l-istudent u l-ġenitur.**

Tabella 3

| LIVELLI | MARKI |
|---|---|
| Livell Sodisfaċenti | Marki fis-suġġett ta' bejn 35 u 45% jew Standard N f'topics partikolari. |
| Livell Medju | Marki fis-suġġett ta' bejn 45 u 65% jew Standard A f'topics partikolari. |
| Livell Għoli | Marki fis-suġġett ta' bejn 65 u 100% jew Standard M u E f'topics partikolari. |

## Il-Computing

Il-Computing huwa l-istudju ta' kif jaħdmu l-kompjuters b'mod intern. Dan huwa suġġett differenti mill-kompjuter Literacy. F'dan is-suġġett nidħlu fid-dettal ta' kif jaħdem il-kompjuter u nifhmu aħjar x'jiġri meta l-kompjuter ikun qed jiftaħ il-programmi u jiproċessa l-affarijiet.

Dan is-suġġett huwa maqsum f'ħames taqsimiet prinċipali: *Computer Applications, Computer Architecture and Data Representation, Computer Systems, Programming* u *Information and Communications Technology in Society.*

F'dawn it-taqsimiet nistudjaw diversi affarijiet fosthom nifhmu aħjar għalfejn nużaw ċerti programmi, nitgħallmu l-*binary* li hija l-lingwa li l-kompjuters kapaċi jifhmu, nitgħallmu nifhmu l-loġika tal-kompjuters u npinġu l-*logic gates* u nifhmu kif jaħdem il-moħħ tal-kompjuter. Nitgħallmu iktar kif jaħdmu d-*devices* u naraw diversi tipi ta' *operating systems* u kif il-kompjuters jintużaw fis-soċjetà. Il-parti prattika tirrikjedi l-istudju ta' lingwa tal-*programming*, il-Java. Dan l-istudju jsir matul it-tliet snin tal-kors u fl-aħħar l-istudent ikun irid jagħmel programm li jkun jgħodd għall-eżami tal-MATSEC.

Bil-Computing wieħed jista'jaspira għal karrieri fl-informatika bħal *programmers, systems analysts, computer engineers, web masters* u *computer technicians* fost affarijiet oħra. Dawn ix-xogħlijiet ma jinsabux biss fis-settur tal-ICT imma jinsabu f'kull settur, minħabba li dawn ix-xogħlijiet hemm bżonnhom kullimkien.

Studenti li jridu karriera fil-*Computing*, jistgħu jkomplu jistudjaw ġewwa l-Università ta' Malta minn fejn hemm għażla wiesgħa ta' korsijiet. Il-fakultà tal-ICT qed toffri ħames korsijiet fil-*Computer Engineering*, *Computing Science*, *Artificial Intelligence*, *Computing and Business* u *Software Development*. L-MCAST toffri Higher National Diplomas fil-*Computing* u *Systems Development* kif ukoll korsijiet fil-*Computer Networks* u *Software Development*.

**Is-Suġġetti indikattivi tal-Computing huma marki ta' livelli għoli fil-Mathematics u fl-ICT (ECDL).**

## Il- Chemistry

Qatt ħsibt għala l-weraq ibiddlu l-kulur fil-ħarifa u kif batterija tiġġenera l-elettriku? Dan is-suġġett iwiegeb dawn il-mistoqsijiet kif ukoll kull mistoqsija li jista' jkollok fuq il-materja kollha ta' madwarek. L-aspett prattiku u investigattiv hu ċentrali fit-tagħlim ta' dan is-suġġett xjentifiku.

Bil-Chemistry wieħed jista' jidħol għal ħafna korsijiet ġewwa l-universita` jew l-MCAST (Irreferi Sezzjoni B). Xogħlijiet li huma marbutin direttament ma' dan is-suġġett huma dak ta' għalliem, spiżjar, restawratur. Dan is-suġġett huwa ukoll popolari fejn tidħol l-inġinenrija, l-arkitettura u l-IT.

**Is-suġġetti indikattivi għall-Chemistry huma marki ta' livell għoli fil-General Science (component tal-Chemistry), fl-Ingliż u fil-Maths u tal-inqas livell medju fl-oqsma l-oħra tal-General Science.**

## Il-Biology

Il-Biology jinkludi studju fuq dak kollu li hu ħaj, fih niskopru s-sabiħ ta' kif organiżmi (kreaturi) ħajjin jorganiżżaw ruħhom biex jgħixu. Dan narawħ b'mod iktar interessanti meta nistudjaw il-mod ta' kif organiżmi differenti jew sistemi differenti fl-istess organiżmu jaħdmu biex iżommu l-ħlejjaq ħajjin

Il-Biology bħala suġġett waħdu joffri diversi opportunitajiet lill-istudenti biex ikomplu jistudjaw kemm fl-Universita' kif ukoll fl-MCAST u l-ITS. Fost ix-xogħlijiet marbuta ma' dan is-suġġett insibu dak ta' għalliem, psikologu, oqsma varji fl-agrikoltura, oqsma relatati ma' sports, *dental hygienist, communication therapist, nursing, mental health nursing, radiography, occupational therapy, physiotherapy, podiatry* u xogħlijiet varji fil-qasam tal-farmaċewtika.

*Hawnhekk ta' min jirrimarka li bħal fil-każ tal-Physics u l-Maths, meta l-Biology jiġi studjat flimkien mal-Chemistry wieħed ikompli jiftaħ bibien u jkollu opportunitajiet akbar ta' korsijiet u karrieri relatati li jkun jista' jidħol għalihom. Fost dawn insibu l-professjoni ta' tabib, *dentist, medical secretaries, nutritionist, applied biomedical science* (xogħlijiet f' laboratorji).

**Is-suġġetti indikattivi għall-Biology huma marki ta' livell għoli fil-General Science (component tal-Biology), u tal-inqas livell medju fl-oqsma l-oħra tal-General Science fil-Mathematics u l-Ingliż.**

## Il-Business Studies

Il-Business Studies jinkludi aspetti ta' diversi suggetti b'mod principali Accounts, Marketing u Economics. Permezz ta' dan is- suġġett, l- istudent jakkwista ħiliet li jgħinuh fil- ħajja tiegħu ta' kuljum kif ukoll jingħata l-opportunita` biex jagħraf f'liema suġġettt jixtieq jispeċjalizza fil- futur.

Permezz tal-Business Studies wieħed jista' jkompli l-istudji tieghu kemm fl-MCAST fl-istitut tan-negozju u l-kummerċ (*Diploma in Banking & Financial Services, Diploma in Business, Diploma in insurance services, BTEC Diploma in IT*) kif ukoll fl-istitut tal-ICT. Fl-Universita' dan is-suġġett jagħti bażi soda lil dawk l-istudenti li jkunu jixtiequ jidħlu għall-Bachelor of Commerce minħabba li fl-ewwel sena l-kors jinvolvi studju fil-qasam tal-Accounts, tal-Marketing u tal-Economics. Dan is-suġġett huwa ukoll mitlub mill-ITS fil-kors Diploma in Hospitality Events Management.

**Is-suġġetti indikattivi għall-Business Studies huma marki tal-inqas ta' livell medju fl-Ingliz.**

## L-Accounts

L-Accounts huwa suġġett tekniku li jagħti bażi soda biex student ikun jista' jkompli jispeċjalizża f'dan il-qasam billi jsegwi kors ġewwa l-MCAST (*AAT Diploma in Accounting*), jew ġewwa l-Universita` (*B. Com Accountancy*). L-Accounts jgħin lill-istudent biex jibni l-kapaċita' ta' analiżi u evalwazzjoni li tista' tiġi applikata f'oqsma differenti fil-ħajja.

Permezz tal-Accounts wieħed ikun jista' jilħaq accountant, entrapreneur, manager, awditur, konsulent finanzjarju kif ukoll oqsma speċifiċi fl-IT li huma relatati man-negozju.

Jekk l-Accounts jintgħażel mal-Business Studies l-istudent ikollu jagħmel l-eżamijiet ta' barra, eżempju London jew Cambridge minħabba li s-SEC ta' Malta fl-Accounts isir fl-istess ġurnata meta jkun hemm il-Business Studies SEC. Kif diġa aċċenat fil-klawsoli, l-eżami tal-Accounts (London/ Cambridge) huwa rikonoxxut fis-sistema edukattiva Maltija u fid-dinja tax-xogħol.

**Is-suġġetti indikattivi fil każ tal-Accounts huma li jkollok marki tal-inqas ta' livell għoli fil-*Mathematics.***

## Il-Graphical Communication

Il-Graphical Communication hija lingwa grafika internazzjonali li permezz tagħha l-bnedmin jistgħu jikkomunikaw bejniethom b'faċilita` akbar irrelevanti mil-liema pajjiż ikunu ġejjin minnu. Kull oġġett li jeżisti jagħraf l-oriġini tiegħu fil-kommunikazzjoni grafika minħabba li l-ewwel ħaġa li ssir huwa propju d-disinn tal-oġġett, għalhekk dan is-suġġett jeżisti f'kull qasam tas-snajja u kull persuna tagħmel użu minnu b'mod dirett jew indirett.

Il-Graphical Communication huwa popolari fost dawk li jkomplu l-istudji tagħhom fl-inġinerija, l-arkittetura, draughtsperson, interior designers, sign writers, l-edukazzjoni u oqsma varji fil-kostruzzjoni.

**Is-suġġetti indikattivi għall-Graphical Communication huwa li jkollok livell għoli fil-Graphical Communication fil-year 7 u 8.**

## Id-Disinn u t-Teknoloġija

L-istudju tad-Disinn u t-Teknoloġija huwa ta' dawk l-affarijiet li huma magħmulin mill-bniedem. Dan is-suġġett huwa maqsum f'żewġ aspetti: l-aspett tad-disinn u l-aspett tat-teknoloġija.

**L-aspett tad-disinn** jiġbor fih tagħlim dwar disinn u innovazzjoni, fejn l-istudent jiġi ppreżentat bi problema li jkun irid janalizzaha u jirrifletti fuq ideat differenti dwar kif l-aħjar tissolva. Dan l-aspett tad-disinn jinvolvi wkoll riċerka, kritika u evalwazzjoni.

**L-aspett tat-teknoloġija** jiġbor fih tagħlim fuq materjali differenti u kif taħdem bihom, komunikazzjoni bl-użu tal-grafika u *systems and control* li jinkludi fih użu ta' mekkaniżmi u elettronika.

L-iskop tal-istudju tad-Disinn u t-Teknoloġija huwa li l-istudent:

•Jifhem u jesperjenza l-proċess ta' kif jiġu ddisinjati u mmanifatturati l-oġġetti ta' madwarna.

•Isir jaf dwar il-progress teknoloġiku tal-bniedem u kif dan affettwa l-ambjent u s-socjetà.

•Jingħata opportunità li juża għodda u materjali differenti .

•Jitgħallem kif jagħmel riċerka u jikkritika b'mod kostruttiv.

Is-suġġett tad-Disinn u t-Teknoloġija huwa suġġett importanti ħafna għax jgħin lill-istudent biex jifhem aħjar id-dinja ta' madwaru li hija ddominata mit-teknoloġija. Fl-aħħar sena tal-iskola sekondarja, l-istudent jiġi ppreparat biex jagħmel l-O level ta' dan is-suggett.

Is-suġġett tad-Disinn u t-Teknoloġija jiftaħ diversi toroq ta' studji fl-MCAST (fosthom fl-Istitut tad-Disinn u l-Arti, fl-Istitut tax-Xjenza Applikata, fl-istitut tal-Bini u l-Kostruzzjoni, fl-Istitut tal-Inġenerija Mekkanika u fl-Istitut tal-Inġinerija Elettronika) u fl-Università ta' Malta (fosthom fil-Fakultà tal-Bini u l-Kostruzzjoni u fil-Fakultà tal-Inġinerija).

**Is-suġġett indikattiv għas-suġġett tad-Disinn u Teknoloġija huwa livell għoli fid-Disinn u Teknoloġija fil-years 7 u 8.**

## L-Arti

Dan huwa kors ta' tliet snin fejn l-istudenti jitgħallmu ħafna ħiliet different fil-kamp tal-arti. L-iskop ewlieni hu li jitħarrġu sew fl-arti u dan iwassalhom għall-eżami tal-MATSEC. Waqt dan il-kors l-istudenti jibdew japprezzaw id-diversi forom ta' arti, l-aktar dik viżiva; josservaw l-arti ta' madwarhom u lil hinn; jistħarrġu stili u tekniċi differenti; jesperimentaw; u fl-aħħar joħolqu u jipproduċu xogħol artistiku. Ta' min jgħid li minkejja li m'hemmx għalfejn tkun artist biex titgħallem tpinġi sew għax wieħed jista' jitħarreġ fid-dixxiplina tad-disinn; li tkun artist huwa don ta' Alla l-Imbierek.

Hemm għoxrin marka għall-eżami tal-MATSEC li wieħed jista' jakkwistahom bix-xogħlijiet ta' matul is-snin u bil-proġett tal-aħħar. Fl-aħħar wieħed għandu jżomm f'moħħu li l-arti għandha x'taqsam mal-armonija tal-ħajja tal-bniedem.

Iċ-ċertifikat tal-arti hu validu għal ħafna oqsma fl-edukazzjoni, bħall-kors fl-edukazzjoni artistika, l-arkitettura, l-*interior design*, grafika u oħrajn. Dan is-suġġett jagħti l-opportunita` lill-istudenti biex ikomplu l-istudju tagħhom kemm fl-MCAST (fl-Istitut tal-Arti u d-Disinn), kif ukoll fl-Universita` (Bachelor of Fine Arts in Digital Arts). Permezz tal-istudju tal-arti wieħed ikun jista' jsib xogħol bħala artist, *3D designer*, printing, fotografija, filming u għalliem fost l-oħrajn

**Is-suġġett indikattiv fil-każ tal-arti hu li l-istudenti irid jippreżenta portfolio b'għaxar biċċiet tal-arti lill-għalliem ta' dan is-suġġett.**

## L-Edukazzjoni Fiżika (Option)

L-għanijiet ta' dan il- kors huma sabiex jgħinu lill-istudent jakkwista l- kompetenzi sabiex ikun jista' jagħmel attivitajiet fiżiċi diversi, u sabiex jifhem, bit-teorija u l-prattika, l-implikazzjonijiet u l- benefiċċji tal-parteċipazzjoni f'attività fiżika. Il-kors ikopri diversi temi minn anatomija u struttura tal ġisem sa sport fis soċjetà u l -media.

Dan il-kors iwassal għall- eżami tas-SEC u joffri l-possibilta' lill-istudenti li jsibu xogħol fil-qasam tal-isports u s-saħħa. Kemm fl-MCAST kif ukoll fl-Universita' u fl-ITS hemm korsijiet speċifiċi għal min jixtieq jispeċjalizza f'dan il-qasam tal-isports bħal għalliem, *coaching, fitness/ gym instructor.*

**Is-suġġetti indikattivi għall-Physical Education bħala *option subject* huwa li trid tkun tħobb l-isports u jkollok livell tal-inqas medju fil-General Science speċjalment fil-component tal-Biology u tal-inqas livell 5 fil-fitness test li jkun sar fil-year 7 u fil-year 8.**

**N.B. Minħabba li dan is-suġġett jirrikjedi l-użu ta' faċilitajiet sportivi barra mill-iskola trid itħallas meżata addizzjonali ta' 100 Euro fis-sena li tkopri l-entraturi għal dawn il-faċilitajiet sportivi flimkien ma' l-użu tat-trasport.**

## IS-SUĠĠETTI VOKAZZJONALI

Is-suġġetti vokazzjonali, li huma *Agribusiness, Engineering Technology, Information Technology, Health & Social Care u Hospitality*, ġew introdotti fis-sistema edukattiva Maltija bl-iskop li jagħtu opportunita` lill-istudenti Maltin b'ħiliet varji biex ikunu jistgħu ikomplu bl-istudji tagħhom f'oqsma diversi promettenti u li qed jiżviluppaw fl-industrija Maltija.

Is-Suġġetti vokazzjonali huma differenti mis-suġġetti akkademiċi l-oħra fuq żewġ livelli; l-metodu li bihom huma mgħallma, u l-mod kif is-suġġetti huma assessjati.

1. *Il-metodu ta' tagħlim*: Waqt li s-suġġetti akkademiċi jitilqu u jagħfsu fuq it-teorija biex imbagħad jiġu applikati, s-suġġetti vokazzjonali jitilqu u jagħfsu iktar fuq il-prattika biex wara jiġi spjegat l-aspett akkademiku.

2. *Il-metodu ta' assessjar*: Filwaqt li s-suġġetti l-oħra, bħal per eżempju l-Malti, l-Maths u l-Ingliz jirrikjedu li l-istudenti jagħmlu l-eżami tas-SEC fl-aħħar tal-Year 11, is-suġġetti vokazzjonali huma assessjati tul it-tlett snin. Kull sena l-istudenti jridu jagħmlu Unit li kif

spjegajt jinkludi ammont ta' xogħol prattiku u kitba, u jgħaddu minnu. Kull Unit jinvolvi: *take-home Assessment* li jrid jiġi ppreparat mill-istudent id-dar; *practical Assessment* li jinvolvi ħidma prattika *(hands-on)* mill-istudenti u *controlled Assessment* li jinkludi l-aspett akkademiku (kitba). Dan jiġi assessjat minn rappreżentant tal-MATSEC Board. It-tlett Units flimkien li l-istudenti jkunu għamlu fil-Year 9, year 10 u year 11 huma ekwivalenti għall-eżami tas-SEC li huwa meħtieġ mill-istudenti biex isibu xogħol jew inkella biex ikunu jistgħu ikomplu bl-istudji tagħhom f'livell post sekondarju.

## IS-SUĠĠETTI VOKAZZJONALI FIS-SEMINARJU

Fis-sena 2015 ġew introdotti żewġ suġġetti vokazzjonali bħala parti mill-kurrikulu offrut fl-iskola tas-Seminarju. Dawn huma l-*Agribusiness* u l-*Hospitality*. B'dan il-mod l-iskola tagħna qed toffri għażla varjata ta' suġġetti li tappella għall-abiltajiet u ħiliet differenti tal-istudenti fis-Seminarju.

### L- Agribusiness

L-Agribusiness huwa suġġett vokazzjonali offrut mill-MATSEC li fih l-istudenti jistudjaw u jipprattikaw l-agrikoltura, jiġifieri t-tkabbir ta' ħxejjex u annimali għall-konsum tal-bniedem. Fil-livell ordinarju, dan is-suġġett jiffoka fuq iż-żriegħ, it-tħawwil, il-manteniment u l-ħsad ta' hxejjex, kif ukoll fuq it-trobbija tal-ħut u l-fniek. Għalkemm dan is-suggett fih ammont sostanzjali ta' xogħol bl-idejn, huwa jinkludi wkoll xogħol ta' riċerka, studju u kitba relatata mas-suġġett. Għarfien bażiku ta' xjenza kif ukoll ta' użu tal-kompjuter huwa meħtieg għal dan is-suġġett.

Xogħlijiet relatati ma' dan is-suġġett huma, *landscaping, gardening*, biedja, akwakultura etċ... Studju izjed avvanzat fl-istitut tal-MCAST tal-Agribusiness flimkien ma' studju tal-bioloġija u l-kimika jista` jwassal għal-xogħlijiet bhal *soil lab technician, plant tissue culturing, animal disease testing* u oħrajn.

**Is-suġġetti indikattivi fil-każ tal-Agribusiness huma li jkollok marki tal-inqas sodisfaċenti fl-Ingliż u fl-ICT (ECDL), fil-General Science u fil-Maths.**

## IL-Hospitality

Is-suġġett tal-Hospitality huwa suġġett ġdid li fih naħdmu id f' id mal- MATSEC. Dan is-suġġett jagħti opportunita` lill-istudenti biex isiru aktar familjari mal-industrija tat-turiżmu u l-ospitalita` b'mod ġenerali. Dan jagħti opportunita` tajba lill-istudenti biex jmissu b'idejhom x'jiġri f'dan il-qasam.

Fost il-kontenut kopert f'dan is-suġġett insibu:-

- Fl- ewwel sena (Year 9) niddiskutu affarijiet relatati mat-turiżmu bħall-importanza tat-turiżmu għal pajjiżna, komunikazzjoni effettiva u l-importanza li wieħed jaħdem f' tim fost suġġetti oħra.
- Fit-tieni sena (Year 10) nesploraw aktar id-dinja tal-ikel u kif wieħed jipprepara l-ikel, fejn l-istudenti jkollhom iċ-ċans huma stess li jippreparaw l-ikel, jitgħallmu kif iservu l-ikel u jitgħallmu kif għandhom jippreparaw l-ikel b'mod iġjeniku.
- Fit-tielet sena (Year 11) l-istudenti ħa jsiru aktar familjari ma' xogħlijiet diversi li nsibu f'lukanda bħax-xogħol ta' *receptionist* u xogħol tal-*housekeeping* u kif wieħed għandu jaħdem b'mod sigur fuq il-post tax-xogħol.

Permezz ta' dan is-suġġett student jista` jkompli f'diversi karrieri li huma relatati mal-qasam tat-turiżmu bħal per eżempju, waiter, receptionist, chef u ħafna aktar. L-ITS (Institute for Tourism Studies) hija l-iskola fejn studenti jagħżlu li jmorru jekk jixtiequ jkomplu f'wieħed min dawn is-setturi. Peremezz tal-Hospitality, studenti jkunu jistgħu faċilment jidħlu f'wieħed minn dawn l-istudji. (Tkun idea tajba li l-istudent jagħti daqqa t'għajn il-prospectus li joħroġ mil-ITS biex jifhem aktar x'toffri din l-iskola u kif dan is-suġġett ħa jkun ta' għajnuna kbira għalih)

Importanti li dawk li bi ħsiebhom jagħżlu dan  is-suġġett ikunu lesti li jaħdmu għaliex nenfasizaw ħafna l-importanza li l-istudenti jimxu mad-deadlines.

**Is-suġġetti indikattivi għas-suġġett tal-Hosptality huma li jkollok marki tal-inqas ta' livell medju sodisfaċenti fl-Ingliż u fl-ICT  (ECDL).**

## Kundizzjonijiet

- Is-suġġetti offruti bħala *options* huma suġġetti li jiġu approvati mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni. Jista' jagħti l-każ li student jiġi mitlub jibdel l-għażla li jkun għamel jekk il-grupp ma jingħaqadx u allura ma jkunx possibli li tifforma klassi.

- Biex nevitaw li nsejħu lill-istudenti fis-sajf qegħdin nitolbu lill-istudenti biex fl-applikazzjoni tal-Għażla tas-Suġġetti jimmarkaw l-Ewwel u t-Tieni prefenza tagħhom. Dan qed nagħmluh f'każ li l-istudent ikun għamel għażla dubjuża minħabba li ma jkunx laħaq l-livell mistenni fis-suġġetti indikattivi jew inkella minħabba li ma jkunx hemm studenti biżżejjed f'suġġett partikolari u għaldaqstant il-kombinazzjoni ta' suġġetti ma tkunx tista' tiġi offruta. Kemm jsita' jkun l-iskola tipprova takkomoda l-ewwel preferenza tal-istudent. Jekk dan ma jkunx possibbli l-iskola tavża lill-istudent matul is-sajf qabel ma jinxtraw il-kotba li ser jintużaw fil-year 9.

- Jekk student jagħżel PE (Option) hemm miżata ta' madwar 100 Euro fis-sena li trid titħallas biex tkopri l-ispejjeż tal-użu ta' faċilitajiet sportivi barra mill-iskola u tat-trasport li jwassalna għal dawn il-faċilitajiet.

- L-istudenti jistgħu jagħżlu Business Studies u Accounts flimkien imma wieħed irid iżomm f'moħħu li fil-year 11 l-istudent ma jkunx jista' jagħmel is-SEC (l-O'Level ta' Malta) fl-Accounts u fil- Business Studies flimkien minħabba li dawn ikunu fl-istess ġurnata. Minkejja dan dawn iż-żewġ suġġetti jistgħu jiġu magħżula u l-istudenti jistgħu iġibu żewġ ċertifikati separati billi jagħmlu l-eżami tas-SEC fil-Business Studies (minħabba li jridu jippreżentaw proġġett) u jagħmlu l-eżami tal-Accounts ma *examination boards* barranin (London jew Cambridge) li bħalissa huma rikonoxxuti fis-sistema edukattiva Maltija kif ukoll fid-dinja tax-xogħol.

- Minħabba raġunijiet loġistiċi li huma, gruppi ġa iffurmati u kurrikulu koprut, student ma jistax jitħalla jbiddel is-suġġett li jkun għażel ladarba il-year 9 tkun bdiet. Biex wieħed ikun jista' jagħmel dan l-istudent irid jistenna sas-sena ta' wara fejn hu jkollu jirrepeti s-sena tal-year 9 mill-ġdid bl-options il-ġodda li jkun jixtieq jistudja.

## Punti Importanti

- Is-suġġetti kollha ghandhom valur u relevanza għall-ħajja, irrelevanti mill-karriera li wieħed jispeċjalizża fiha, u għalhekk s-suġġetti kollha għandhom jittieħdu bis-serjeta`. Tkun idea żbaljata jekk nagħtu valur lil suġġett fuq bażi ta' karriera biss. L-edukazzjoni tfittex li tgħin lill-istudenti jiżviluppaw bħala bnedmin sħaħ f'aspetti differenti fil-ħajja, u s-suġġetti kollha offruti lill-uliedkom fis-Seminarju ifittxu li jilħqu dan l-għan.

- Għinu lit-tifel jinduna bir-raġunijiet wara l-għażla tiegħu. Mhux sew li student jagħżel suġġett għaliex jaħseb li jinvolvi inqas xogħol minn ieħor jew għas-sempliċi raġuni li għażlu l-ħabib tiegħu.

- Kif diġa rajna f'Taqsima Ċ is-suġġetti obbligatorji weħidhom joffru opportunitajiet kbar lill-istudenti, *l-optional subjects* ikomplu jifthu iktar bibien. Għal din ir-raġuni tkun xi tkun l-għażla tiegħek qatt ma tista' tkun waħda żbaljata anke jekk 'il quddiem tiddeċiedi li ma tispeċjalizżax fis-suġġett.

- L-unika limitazzjoni li hemm fl-għażla tas-suġġetti hija fejn jidħlu x-xjenzi, b'mod partikolari l-Biology u l-Chemistry minħabba li dawn is-suġġetti ma jistgħux isiru b'mod privat peress li hemm bżonn l-użu tal-laboratorji. Dawn is-suġġetti huma obligatorji għal dawk l-istudenti li jridu jkomplu l-istudji tagħhom fil-qasam tal-mediċina u s-saħħa.

- Tajjeb li wieħed ifakkar li fl-Universita' jeżistu numru ta' korsijiet li m' għandek bżonn l-ebda suġġett partikolari biex tidħol għalihom. Il-kors tat-Teoloġija hu wieħed minnhom fost ħafna oħrajn.

- L-importanti hu li wara li tkunu infurmajtu ruħkom fuq l-opportunitajiet li hawn, issir l-għażla u li uliedkom iħossuhom kuntenti bid-deċiżjoni li jkunu ħadu flimkien magħkom.

# TAQSIMA D

## X’Għażlu l-Istudenti tas-Seminarju?

L-informazzjoni li hawn f’din it-Taqsima hija dik miġbura mis-Seminarju permezz tat-*Tracer Study* li jintbagħat mit-taqsima tal-*Guidance and Counselling Services* tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni.  L-istess informazzjoni ġiet ippubblikata f’rapport annwali li joħroġ mill-istess taqsima.

***X’għamlu l-istudenti meta spiċċaw mis-Seminarju***

| Sena | Studenti li temmew l-iskola | Numru ta’ tweġibiet. | Numru ta’ studenti li komplew l-istudji. | Numru ta’ studenti li bdew jaħdmu. | Oħrajn |
|---|---|---|---|---|---|
| **2010** | 54 | 54<br>100% | 53<br>98% | 1<br>2% | 0 |
| **2011** | 54 | 54<br>100% | 54<br>100% | 0 | 0 |
| **2012** | 52 | 52<br>100% | 52<br>100% | 0 | 0 |
| **2013** | 53 | 53<br>100% | 53<br>100% | 0 | 0 |
| **2014** | 53 | 53<br>100% | 52<br>98% | 1<br>2% | 0 |
| **2015** | 51 | 51<br>100% | 50<br>98% | 1<br>2% | 0 |
| **2016** | 47 | 47<br>100% | 44<br>94% | 2<br>4% | 1<br>2% |

ii.***L-iskejjel li ntgħażlu mill-istudenti li komplew l-istudji tagħhom f'livell Post-Sekondarju.***

| | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 | 2014 | 2015 | 2016 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Junior College** | 29<br>54% | 38<br>70% | 37<br>70% | 35<br>66% | 30<br>57% | 28<br>54% | 19<br>40% |
| **Higher Secondary** | 5<br>9% | 4<br>7% | 4<br>8% | 7<br>13% | 7<br>13% | 7<br>14% | 14<br>30% |
| **Private Sixth Forms** | 10<br>19% | 6<br>12% | 3<br>6% | 7<br>13% | 13<br>24% | 12<br>24% | 4<br>9% |
| **MCAST**<br>**Inst. Of Applied Science** | _ | _ | _ | _ | _ | _ | _ |
| **MCAST**<br>**Inst. Buss. Mang. & Comm.** | 4<br>7% | _ | 1<br>2% | 1<br>2% | _ | _ | 1<br>2% |
| **Inst. Eng. & Transport**<br>**MCAST** | 2<br>4% | 4<br>7% | _ | 2<br>4% | _ | 1<br>2% | 4<br>9% |
| **Inst. of Agribusiness MCAST** | _ | _ | _ | - | _ | _ | _ |
| **MCAST**<br>**Inst. Of ICT** | 1<br>2% | _ | 3<br>6% | - | 2<br>4% | _ | 1<br>2% |
| **MCAST**<br>**Inst. Of Art & Design** | 1<br>2% | 1<br>2% | 1<br>2% | - | _ | _ | 1<br>2% |
| **MCAST**<br>**Inst. Of Community Serv.** | _ | _ | 1<br>2% | 1<br>2% | _ | _ | _ |
| **SWATAR**<br>**TC** | 1<br>2% | _ | _ | - | _ | _ | _ |
| **ITS** | _ | 1<br>2% | 1<br>2% | - | _ | _ | _ |
| **SPECIAL SCHOOL** | _ | _ | 1<br>2% | - | _ | 1<br>2% | _ |
| **WORKING** | 1<br>2% | -- | _ | - | 1<br>2% | 1<br>2% | 2<br>4% |
| **REGISTERING** | _ | _ | _ | _ | _ | _ | 1<br>2% |
| **TOTAL** | **54**<br>**100%** | **54**<br>**100%** | **52**<br>**100%** | **53**<br>**100%** | **53**<br>**100%** | **51**<br>**100%** | **47**<br>**100%** |

**NIŻŻEL XI PUNTI LI TIXTIEQ TIDDISKUTI U TIĊĊARA WAQT IL-LAQGĦA;**

***TMIEM***